# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2016

Appell Nru: 84/2015

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Mohamed Hamad Hussein**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Mohamed Hamad Hussein, detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-nurmu 70043A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-19 ta' Ottubru, 2014 fis-01:30am, fi Triq il-Palma, Paola:

1. Saq jew ipprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
2. Saq jew ipprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur ohra fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina kien izjed mill-limitu preskritt;

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat ikun skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal-perjodu ta’ zmien mhux inqas minn sitt (6) xhur.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-17 ta’ Frar, 2015, li biha sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal-hlas ta’ multa ta’ €1200.00 pagabbli ratealment permezz ta’ pagamenti ta’ €100 fix-xahar bl-ewwel pagament dovut fis-17 ta’ Frar, 2015;

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Mohamed Hamad Hussein, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-24 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu talab lill-din il-Qorti thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati u tilliberah;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Semghet lill-abbli difensur tal-appellant u l-abbli Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi mill-provi in atti jemergi illi waqt *road check* l-appellant kien deher xurban u twaqqaf mill-Pulizija li rriskontraw riha ta’ xorb fuq l-appellant u talbuh jissottometti ruhu ghat-testijiet tan-nifs u accetta. L-appellant jikkwerela s-sentenza tal-ewwel Qorti fuq il-gravami illi, ghad illi kien debitament assistit waqt il-kawza kontra tieghu, huwa ma fehem xejn ghaliex ma jitkellimx la l-ilsien Malti u anqas dak Ingliz. Izid ukoll illi minkejja li kien ghamel talba lill-Magistrat decident sabiex ikun mahtur interpretu, il-Qorti pprocediet bil-kawza minghajr ma akkordatlu jew cahditlu dan id-dritt u inoltre cahditlu t-talba sabiex jkun jista’ jikkontroezamina lill-ufficcjali tal-Pulizija li xehedu bil-procedura tal-affidavit. L-appellant iqis illi dan kollu jeludi d-drittijiet fondamentali tieghu billi kien privat milli jiddefendi ruhu f’kawza ta’ natura kriminali;

2. Illi wara li din il-Qorti ezaminat l-atti processwali sejra tissolleva *ex officcio* in nullita' tas-sentenza appellata ghar-raguni segwenti. Ic-citazzjoni notifikata lill-appellant (fol 1 tal-atti) turi li l-fatti addebitati lilu kienu dwar a) sewqan ta' vettura meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba konsum ta' xorb jew drogi ex artikolu 15A(1) tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta u b) sewqan ta' vettura wara konsum ta' alkohol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tkun izjed mill-limitu preskritt ex artikolu 15B(1) tal-istess Kapitolu. Fil-publikazzjoni li sservi bhala notifika tac-citazzjoni, fil-gurnal The Malta Independent tal-11 ta' Frar, 2015 (fol 5) it-tieni fatt addebitat kien differenti minn dak ravvizat fic-citazzjoni billi deher illi naqas jew irrifjuta milli jaghti kampjun tan-nifs, demm jew urina igifieri dak ravvizat fl-artikolu 15E(4) tal-Kapitlu 65;

3. Issa, fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti indikat illi l-appellant kien imputat li saq vettura taht l-influwenza tal-alkohol kif ukoll <u>li naqas milli jipprovdi kampjun tan-nifs, tad-demm u/jew ta' l-urina.</u> L-istess Qorti sabet htija fuq dawn il-fatti *"Peress illi jirrizulta ampjament ippruvat li l-akkuzat* [recte: imputat] *kien qieghed isuq il-vettura meta kien fi stat ta' sakra u l-akkuzat ghazel li ma jixhidx".* Mkien mill-atti ma kien allegat jew pruvat li l-appellant kien fis-sakra u certament illi f'dak il-kaz il-prosekuzzjoni kienet tatribwixxi dan il-fatt aktar serju kontra l-appellant. L-ewwel Qorti ghalhekk sabet htija fl-appellant ta' reat li ma kienx imputat bih u dan minghajr ma kien hemm bdil fil-fatti tac-citazzjoni jew raguni motivata ghaliex kienet qed tinsab htija fuq fatt izda mhux fuq iehor;

4. Fis-sejbien ta' htija, l-ewwel Qorti allura indikat artikolu tal-ligi zbaljat u dan mhux b'xi nuqqas li jista' jitqies bhala wiehed calami. Tali nuqqas huwa ritenut fil-gurisprudenza bhala wiehed essenzjalment ta' formalita rikjest skond l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

5. Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravji mressqa mill-appellant, tiddisponi minn dan l-appell billi tiddikjara s-sentenza appellata nulla u tirrevokaha. Tordna

li l-atti jkunu rinvjati lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex il-kaz kontra l-appellant jinstemgha mil-gdid u jkun deciz skond il-ligi.